L-Ospizio
Fuljett maħruġ mil-Librerija Louis Grech, l-Ospizio, Floriana
L-erba' u tletin ħarġa: Marzu – April 2006

# (7) Carmelo Pace – Kompożitur Malti

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Bla dubju ta' xejn, Mro. Carmelo Pace jitqies bħala wieħed mill-ġganti tal-mużika maltija li art twelidu qatt ipproduċiet matul is-seklu għoxrin. Is-sena 2006 ħabtet proprju il-mitt sena minn twelid dan is-surmast ta' bosta kompożizzjoni f'kull ġeneru, fosthom erba' opri liriċi kbar meħudin minn ġrajjiet importanti li nisġu l-istorja ta' Malta. L-artikolett tiegħi 'Carmelo Pace – Kompożitur Malti' kien deher f'paġna nru 4 tal-fuljett 'L-Ospizio', Għadd 34, Mar. – Apr. 2006.

Kliem muftieħ: Ospizio (Furjana), Skola Sekondarja Subien Lorenzo Manchè, Mużika, Edukazzjoni, Mro. Carmelo Pace.



Ritratt awtografat ta' Mro. Carmelo Pace

Dis-sena qed niċċelebraw għeluq il-mitt sena mit-twelid ta' Maestro Carmelo Pace, wieħed mill-kompożituri Maltin l-aktar rinomati tas-seklu għoxrin.

Pace twieled il-Belt Valletta nhar is-17 ta' Awwissu 1906. Huwa ħa l-ewwel tagħlim mużikali mingħand zijuh, Vincenzo Ciappara (1890–1979), u kompla jistudja taħt Carlo Fiamingo (1881–1961) u Thomas Mayne. Ta' tnejn u għoxrin huwa ngħaqad mal-orkestra tat-Teatru Rjal bil-vjola[1]. Kiteb għadd kbir ta' xogħlijiet, fosthom erba' opri, li ħafna minnhom ġew ippubblikati u esesgwiti barra minn Malta. Pace kien ukoll l-ewwel kompożitur Malti li qatt daħħal l-għana folkoristiku Malti fix-xogħlijiet tiegħu. Huwa miet fl-20 ta' Mejju 1993 fl-età kbira ta' 86 sena.

Fost ix-xogħlijiet ewlenin tiegħu nsibu erba' opri:

| |
|---|
| 1965: ***Caterina Desquanez*** |
| 1967: ***I Martiri*** |
| 1973: ***Angelica*** |
| 1976: ***Ipogeana*** |

Xi ħaġa komuni f'dawn ix-xogħlijiet huma l-waqtiet mill-istorja ta' dan in-nazzjon, fejn l-element patrijottiku jinħass il-ħin kollu.

Is-Sur Manoel Pirotta, għalliem tal-mużika fl-iskola tagħna, studja ma' dal-kompożitur prolifiku Malti bejn l-1983 u l-1986 qabel ma ħalla lil xtutna biex jissokkta bl-istudji tiegħu fi Franza bejn l-1989 u l-1994.

Tagħrif miġbur minn Manoel Pirotta, għalliem tal-mużika.

[1] Strument ftit akbar minn vjolin.